

# Ingawdu l-festa sħiħa



Fr Joe Caruana
**Kappillan**

Żgur li mix-xhur kollha tas-sena, ix-xahar tal-festa jkun l-aktar wieħed impenjattiv għal kull każin tal-banda. Mhux biss jirrikjedi l-preparazzjoni tajba tal-banda nnifisha, imma wkoll l-attività soċjali kollha li każin jitlob. Laqgħat, festini, stedin, programmi u l-kumplament. Dan kollu hu sabiħ għax joħloq attività mistennija mis-soċi u membri u dawk kollha li jiffrekwentaw il-każin, fl-istess ħin, għal dawk li huma responsabbli, il-kumitat, dan joħloq uġigħ ta' ras għax min hu responsabbli jkun jixtieq li kollox imur tajjeb u li kull attività tirnexxi.

Kemm hu xieraq li waqt li nagħmlu sewwa din l-attività kollha, fl-istess ħin inżommu quddiem għajnejna l-iskop prinċipali tal-festa – festa reliġjuża lill-patruna tal-parroċċa tagħna. Il-każini ta' Malta kollha, tagħna inklużi, twaqqfu prinċiparjament b'dan l-iskop, li joħolqu mużika popolari – marċi – fil-festi reliġjużi tagħna. Tieħu pjaċir li l-baned tagħna, anke llum f'soċjetà x'aktarx lajka u pluralistika, għadhom iżommu sħaħ mal-kawża ewlenija tal-ħolqien tagħhom u jagħtu importanza lill-valuri nsara mhux biss fil-jiem tal-festa imma matul is-sena kollha kif jixhed is-sehem attiv tagħhom fil-ħajja nisranija tal-parroċċa. Kemm hi ħaġa sabiħa li tara l-każin jinkoraġġixxi valuri nsara! Nieħu pjaċir nara membri tal-kumitat u soċi jattendu għall-funzjonijiet tal-knisja. F'postu ħafna li tara n-nies tal-każin li jattendu għall-funzjonijiet u jersqu għas-sagramenti, speċjalment tal-qrar u t-tqarbin.

Tapprezza wkoll li fil-każini jitrawmu valuri oħra billi mill-istess każin jiġu organizzati attivitajiet bħalma hu l-għoti tad-demm, xi ġabra għall-karità, xi żjara lil xi dar tal-anzjani. Attivitajiet karitattevoli bħal juru solidarjetà umana u nisranija li tagħmel parti mill-pedament tal-fidi nisranija.

Fl-istess ħin hu ta' sodisfazzjon kbir li l-kumitati tal-baned tagħna juru għaqal u maturità kbar billi jieħdu ħsieb iwarrbu kull esaġerazzjoni, pika bla sens, tgħajjir u kull ma jista' jwassal għall-firda jew ġlied kemm fuq livell ta' familja u kemm fuq livell parrokkjali. Dan l-għaqal hu tal-akbar sodisfazzjon għalija u tal-akbar ġieħ għall-każini tagħna, imġiba responsabbli waqt il-festi li tagħmilni tassew kburi li jien Mellieħi.

Nawguralkom ilkoll l-isbaħ xewqat għall-festa. Jalla Marija Bambina, il-Vitorja, iżżejjinna b'festa mill-isbaħ biex hekk nagħtuha ġieħ kif jixirqilha, nikbru fl-imħabba lejn Binha Ġesù kif tridna nagħmlu hi u nieħdu pjaċir flimkien ta' parroċċa/familja li aħna.

Il-festa t-tajba.


Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016
[redacted]
*Il-Management u l-iStaff jawguraw il-Festa t-Tajba*
[redacted]